# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA Nru 293/21/COL

## tas-16 ta' Diċembru 2021

## li temenda r-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi jiġu introdotti Linji Gwida riveduti dwar l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir [2022/1048]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA (EFTA SURVEILLANCE AUTHORITY "ESA"),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikoli minn 61 sa 63 u l-Protokoll 26,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b),

Billi:

Skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-ESA għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE li jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat.

Skont l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-ESA għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet indirizzati fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, jekk dan il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jipprevedi dan b'mod speċifiku jew jekk l-ESA tqis li jkun meħtieġ.

Fis-6 ta' Diċembru 2021,il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal perjodu qasir, ("il-Linji Gwida") ([1])

Il-Linji Gwida huma wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea ("iż-ŻEE").

Trid tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat fiż-ŻEE kollha kemm hi skont l-objettiv tal-omoġeneità stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Skont il-Paragrafu II tat-Taqsima Ġenerali tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, l-ESA, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, għandha tadotta atti li jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Linji Gwida jistgħu jirreferu għal ċerti strumenti ta' politika tal-Unjoni Ewropea u għal ċerti atti legali tal-Unjoni Ewropea li ma ġewx inkorporati fil-Ftehim dwar iż-ŻEE. Bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat u kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fiż-ŻEE kollha, l-ESA ġeneralment tapplika l-istess punti ta' referenza bħall-Kummissjoni Ewropea meta tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Wara li kkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsultat mal-Istati tal-EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

(1) Ir-regoli sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat huma emendati bl-introduzzjoni ta' Linji Gwida riveduti għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir. Il-Linji Gwida huma annessi ma' din id-Deċiżjoni u jagħmlu parti integrali minnha.

([1]) C(2021) 8705 final (ĠU C 497, 10.12.2021, p. 5).

(2) Il-Linji Gwida jieħdu post il-linji gwida eżistenti dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir ([2]) b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.

*Artikolu 2*

L-ESA tapplika l-Linji Gwida bl-adattamenti li ġejjin fejn applikabbli, inkluż, iżda mhux limitat għal, dawn li ġejjin:

(a) meta jkun hemm referenza għal "Stat Membru/Stati Membri", l-ESA taqraha bħala referenza għal "Stat/Stati tal-EFTA" ([3]), jew fejn xieraq "Stat/Stati taż-ŻEE";

(b) meta jkun hemm referenza għall-"Kummissjoni Ewropea", l-ESA taqraha bħala referenza għall-"Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(c) meta jkun hemm referenza għat-"Trattat" jew it-"TFUE", l-ESA taqraha bħala referenza għall-"Ftehim dwar iż-ŻEE";

(d) meta j kun hemm referenza għall-Artikolu 49 TFUE jew għat-taqsimiet ta' dan l-Artikolu, l-ESA taqraha bħala referenza għall-Artikolu 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għat-taqsimiet korrispondenti ta' dak l-Artikolu;

(e) meta jkun hemm referenza għall-Artikolu 63 TFUE jew għat-taqsimiet ta' dan l-Artikolu, l-ESA taqraha bħala referenza għall-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għat-taqsimiet korrispondenti ta' dak l-Artikolu;

(f) meta jkun hemm referenza għall-Artikolu 107 TFUE jew għat-taqsimiet ta' dan l-Artikolu, l-ESA taqraha bħala referenza għall-Artikolu 61 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għat-taqsimiet korrispondenti ta' dak l-Artikolu;

(g) meta jkun hemm referenza għall-Artikolu 108 TFUE jew taqsimiet ta' dan l-Artikolu, l-ESA taqraha bħala referenza għall-Artikolu 1 tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti u t-taqsimiet korrispondenti ta' dak l-Artikolu;

(h) meta jkun hemm referenza għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([4]), l-ESA taqraha bħala referenza għall-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti;

(i) meta jkun hemm referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([5]), l-ESA taqraha bħala referenza għad-Deċiżjoni 195/04/COL tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA;

(j) meta jkun hemm referenza għall-kliem "(in-)kompatibbli mas-suq intern", l-ESA taqrah bħala "(in-)kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE";

(k) meta jkun hemm referenza għall-kliem "fi (jew barra) l-Unjoni", l-ESA taqrah bħala "fiż-ŻEE (jew barra minnha)";

(l) meta jkun hemm referenza għal "kummerċ intra-Unjoni", l-ESA taqraha bħala referenza għal "kummerċ fiż-ŻEE";

(m) meta l-Linji Gwida jistabbilixxu li se jiġu applikati għas-"setturi kollha ta' attività ekonomika", l-ESA tapplikahom għas-"setturi kollha ta' attività ekonomika jew partijiet ta' setturi ta' attività ekonomika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE";

(n) meta jkun hemm referenza għal Komunikazzjonijiet, Avviżi jew Linji Gwida tal-Kummissjoni, l-ESA taqraha bħala referenza għal-Linji Gwida korrispondenti tal-ESA.

---

([2]) ĠU L 343, 19.12.2013, p. 54, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 71, 19.12.2013, p. 1, riadottat mid-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 4/19/COL tas-6 ta' Frar 2019 li temenda, għall-mitt darba u erbgħa, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-istat [2019/1008], ĠU L 163, 20.6.2019, p. 110, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 48, 20.6.2019, p. 1, emendat mid-Deċiżjoni Nru 30/20/COL tal-1 ta' April 2020 li temenda, għall-mija u sitt darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-istat billi jinbidel l-Anness tal-Linji Gwida dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir [2020/982], ĠU L 220, 9.7.2020, p. 8, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 46, 9.7.2020, p. 1, id-Deċiżjoni Nru 90/20/COL tal-15 ta' Lulju 2020 li temenda, għall-mija u s-seba' darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, billi jkunu emendati u mtawla ċerti linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat [2020/1576], ĠU L 359, 29.10.2020, p. 16, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 68, 29.10.2020, p. 4, u d-Deċiżjoni Nru 12/21/COL tal-24 ta' Frar 2021 li tieħu post l-Anness tal-Linji Gwida dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir [2021/1238], ĠU L 271, 29.7.2021, p. 1, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 50, 29.7.2021, p. 1.

([3]) L-"Istati tal-EFTA" jirreferu għall-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

*Artikolu 3*

L-ESA tapplika l-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli fl-Anness tal-Linji Gwida biż-żieda tal-Liechtenstein.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Bente ANGELL-HANSEN
*Il-President*
*Membru tal-Kulleġġ Responsabbli*

Högni KRISTJÁNSSON
*Membru tal-Kulleġġ*

Stefan BARRIGA
*Membru tal-Kulleġġ*

Melpo-Menie JOSÉPHIDÈS
*Kontrofirmatarju bħala Direttur,*
*Affarijiet Legali u Eżekuttivi*

# Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir

## 1. Introduzzjoni

1. Is-sussidji fuq l-esportazzjoni jistgħu jolqtu ħażin lill-kompetizzjoni fis-suq fost il-fornituri ta' merkanzija u servizzi li potenzjalment jistgħu jkunu rivali. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tal-kompetizzjoni skont it-Trattat, dejjem ikkundannat bil-qawwa l-għajnuna għall-esportazzjoni mogħtija favur il-kummerċ intern tal-Unjoni u l-esportazzjoni barra mill-Unjoni. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tiċċara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-appoġġ tal-Istati Membri għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

2. Il-Kummissjoni użat is-setgħa tagħha biex toħroġ gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. L-għan tagħha kien li tindirizza d-distorsjonijiet attwali jew potenzjali fil-kompetizzjoni fis-suq intern, mhux biss bejn esportaturi fi Stati Membri differenti (fil-kummerċ fl-Unjoni u barra minnha), iżda wkoll bejn assiguraturi ta' kreditu għall-esportazzjoni li joperaw fl-Unjoni. Fl-1997 il-Kummissjoni stipulat il-prinċipji għall-intervent mill-Istat fil-*Komunikazzjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir* ([1]) ("il-Komunikazzjoni tal-1997"). Il-prinċipji tal-Komunikazzjoni tal-1997 kellhom jiġu applikati għal perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Jannar 1998. Sussegwentement il-Komunikazzjoni tal-1997 ġiet adattata u l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha ttawwal fl-2001 ([2]), fl-2004 ([3]), fl-2005 ([4]) u fl-2010 ([5]). Il-prinċipji tagħha kienu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012.

3. L-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Komunikazzjoni tal-1997, partikolarment matul il-kriżi finanzjarja bejn l-2009 u l-2011, tissuġġerixxi li l-politika tal-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiġi riveduta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni adottat *Komunikazzjoni ġdida lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir* ([6]) ("il-Komunikazzjoni tal-2012"). Il-prinċipji tal-Komunikazzjoni tal-2012 kellhom, fuq prinċipju, jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018. ([7]). L-Anness tal-Komunikazzjoni tal-2012 ġie adattat diversi drabi ([8]) sussegwentement u l-perjodu ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2012 ġie estiż fl-2018 ([9]) u fl-2020 ([10]). Issa tapplika sal-31 ta' Diċembru 2021.

4. Fl-2019 il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2012 bħala parti mill-Kontroll tal-Idoneità tal-pakkett ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, il-linji gwida dwar il-ferroviji u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir. ([11]). Ir-riżultati tal-evalwazzjoni wrew li, fil-prinċipju, ir-regoli jaħdmu sew, iżda jeħtieġu xi titjib minuri biex jirriflettu l-iżviluppi tas-suq. Għaldaqstant, din il-Komunikazzjoni fiha biss ftit aġġustamenti tekniċi filwaqt li żżomm il-prinċipji li ġew stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2012.

5. Ir-regoli stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni se jgħinu biex jiżguraw li l-għajnuna mill-Istat ma tfixkilx il-kompetizzjoni fost l-assiguraturi tal-kreditu għall-esportazzjoni privati u pubbliċi — jew għal dawk appoġġjati pubblikament. Ir-regoli se jgħinu wkoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fost l-esportaturi.

---

([1]) ĠU C 281, 17.9.1997, p. 4.
([2]) ĠU C 217, 2.8.2001, p. 2.
([3]) ĠU C 307, 11.12.2004, p. 12.
([4]) ĠU C 325, 22.12.2005, p. 22.
([5]) ĠU C 329, 7.12.2010, p. 6.
([6]) ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1.
([7]) Il-punt 18(a) u t-Taqsima 5.2 tal-Komunikazzjoni tal-2012 kellhom jiġu applikati mid-data tal-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2012.
([8]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 6; ĠU C 372, 19.12.2013, p. 1; ĠU C 28, 28.1.2015, p. 1; ĠU C 215, 1.7.2015, p. 1; ĠU C 244, 5.7.2016, p. 1; ĠU C 206, 30.6.2017, p. 1; ĠU C 225, 28.6.2018, p. 1; ĠU C 457, 19.12.2018, p. 9; ĠU C 401, 27.11.2019, p. 3; ĠU C 101I, 28.3.2020, p. 1; ĠU C 340I, 13.10.2020, p. 1; ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6.
([9]) ĠU C 457, 19.12.2018, p. 9.
([10]) ĠU C 224, 8.7.2020, p. 2.
([11]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni — *Fitness check of the 2012 State aid modernisation package, railways guidelines and short-term export credit insurance*, 30.10.2020, SWD (2020) 257 final.

6. Din il-Komunikazzjoni tagħti lill-Istati Membri gwida aktar dettaljata dwar il-prinċipji li fuqhom il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tibbaża l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir. Din il-Komunikazzjoni jenħtieġ li tagħmel il-politika tal-Kummissjoni f'dan il-qasam trasparenti kemm jista' jkun u tiżgura li jkun hemm prevedibbiltà u trattament ugwali. Għal dak il-għan, tistabbilixxi sett ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti meta l-assiguraturi mill-Istat ikunu jixtiequ jidħlu fis-suq tal-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu fuq perjodu qasir f'dak li jirrigwarda r-riskji kummerċjabbli.

7. Riskji li fil-prinċipju mhumiex kummerċjabbli jaqgħu barra mill-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni.

8. It-Taqsima 2 tiddeskrivi l-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni u tistabbilixxi d-definizzjonijiet użati fiha. It-Taqsima 3 tittratta l-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u l-projbizzjoni ġenerali fuq l-għajnuna mill-Istat favur l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni ta' riskji kummerċjabbli. Fl-aħħar nett, it-Taqsima 4 tipprevedi xi eċċezzjonijiet mill-ambitu tar-riskji kummerċjabbli u tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ mill-Istat għall-assigurazzjoni ta' riskji temporanjament mhux kummerċjabbli jista' jkun kompatibbli mas-suq intern.

## 2. **L-ambitu tal-komunikazzjoni u d-definizzjonijiet**

### 2.1. *Ambitu*

9. Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni biss fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni li jkollha perjodu ta' riskju ta' anqas minn sentejn. L-istrumenti finanzjarji l-oħrajn kollha tal-esportazzjoni huma esklużi mill-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni.

### 2.2. *Definizzjonijiet*

10. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni" tfisser prodott tal-assigurazzjoni fejn l-assiguratur jipprovdi assigurazzjoni kontra riskju kummerċjali jew politiku, jew kontra t-tnejn li huma, relatat mal-obbligi ta' ħlas fi tranżazzjoni ta' esportazzjoni;

(2) "assiguratur ta' kreditu privat" tfisser kumpanija jew organizzazzjoni li ma tkunx assiguratur tal-Istat li tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni;

(3) "assiguratur tal-Istat" tfisser kumpanija jew organizzazzjoni oħra li tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni bl-appoġġ ta' Stat Membru jew f'ismu, jew Stat Membru li jipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni;

(4) "riskji kummerċjali" tfisser ir-riskji kummerċjali u politiċi, jew it-tnejn li huma, b'perjodu massimu ta' riskju ta' anqas minn sentejn, fuq xerrejja pubbliċi u mhux pubbliċi fil-pajjiżi elenkati fl-Anness; ir-riskji l-oħra kollha jitqiesu bħala mhux kummerċjabbli għall-finijiet ta' din il-Komunikazzjoni.

(5) "riskji kummerċjali" jinkludu b'mod partikolari r-riskji li ġejjin:

(a) repudjazzjoni arbitrarja ta' kuntratt minn xerrej, jiġifieri kwalunkwe deċiżjoni arbitrarja li ssir minn xerrej mhux pubbliku biex jinterrompi jew jittermina l-kuntratt mingħajr raġuni leġittima;

(b) ir-rifjut arbitrarju minn xerrej mhux pubbliku biex jaċċetta l-oġġetti koperti bil-kuntratt mingħajr raġuni leġittima;

(c) l-insolvenza ta' xerrej mhux pubbliku u l-garanti tiegħu;

(d) Inadempjenza mtawla, jiġifieri n-nuqqas ta' ħlas minn xerrej mhux pubbliku jew minn garanti ta' debitu li jirriżulta mill-kuntratt;

(6) "riskji politiċi" jinkludu b'mod partikolari r-riskji li ġejjin:

(a) ir-riskju li xerrej pubbliku jew pajjiż ma jippermettix l-għeluq ta' tranżazzjoni jew ma jħallasx fil-ħin;

(b) riskju li huwa lil hinn mill-ambitu ta' xerrej individwali jew li jaqa' lil hinn mir-responsabbiltà ta' xerrej individwali;

(c) ir-riskju li pajjiż jonqos milli jittrasferixxi lejn il-pajjiż tal-assigurat il-flus mħallsa minn xerrejja domiċiljati f'dak il-pajjiż;

(d) ir-riskju li każ ta' forza maġġuri jseħħ barra mill-pajjiż tal-assiguratur, li jista' jinkludi avvenimenti bħalma hi gwerra, sakemm l-effetti tagħhom ma jkunux assigurati mod ieħor.

(7) "perjodu ta' riskju" tfisser il-perjodu ta' manifattura flimkien mal-perjodu tal-kreditu;

(8) "perjodu ta' manifattura" tfisser il-perjodu bejn id-data ta' ordni u l-konsenja tal-merkanzija jew tas-servizzi;

(9) "perjodu ta' kreditu" tfisser il-perjodu ta' żmien li jkollu x-xerrej biex iħallas għall-merkanzija u s-servizzi fornuti bi tranżazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni;

(10) "kopertura ta' riskju wieħed" tfisser kopertura għall-bejgħ kollu li jsir lil xerrej wieħed jew għal kuntratt wieħed b'xerrej wieħed;

(11) "riassigurazzjoni" tfisser assigurazzjoni li titħallas minn assiguratur favur assiguratur ieħor biex jiġi ġestit ir-riskju billi jitbaxxa r-riskju tiegħu stess;

(12) "koassigurazzjoni" tfisser il-perċentwal ta' kull telf assigurat li mhuwiex indennizzat mill-assiguratur iżda li jiġġarrab minn assiguratur ieħor;

(13) "sehem tal-kwota" tfisser riassigurazzjoni li teħtieġ li l-assiguratur jittrasferixxi, u li r-riassiguratur jaċċetta, perċentwali partikolari ta' kull riskju f'kategorija definita ta' negozju li fir-rigward tagħha jkun tħallas primjum lill-assiguratur;

(14) "kopertura supplimentari" tfisser kopertura addizzjonali fir-rigward ta' limitu ta' kreditu stabbilit minn assiguratur ieħor;

(15) "politika sħiħa tal-bejgħ" tfisser il-polza tal-assigurazzjoni ta' kreditu minbarra kopertura unika ta' riskju; jiġifieri polza ta' assigurazzjoni ta' kreditu li tkopri l-bejgħ kollu tal-assigurat li jsir bil-kreditu jew il-biċċa l-kbira tiegħu, kif ukoll il-krediti dovuti minn bejgħ lil għadd ta' xerrejja differenti.

## 3. L-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat

### 3.1. *Prinċipji ġenerali*

11. L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistipula li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tkun tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

12. Jekk l-assiguraturi tal-Istat jipprovdu assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, tali assigurazzjoni tinvolvi riżorsi tal-Istat. L-involviment tal-Istat jista' jagħti l-assiguraturi jew lill-esportaturi vantaġġ selettiv u għalhekk jista' joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-prinċipji stabbiliti fit-Taqsimiet 3.2, 3.3 u t-Taqsima 4 huma mfassla biex jipprovdu gwida dwar kif tali miżuri se jiġu vvalutati skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

### 3.2. *Għajnuna għal assiguraturi*

13. Jekk l-assiguraturi mill-Istat ikollhom ċerti vantaġġi meta mqabbla ma' assiguraturi tal-kreditu privati, jista' jkun li tkun involuta l-għajnuna mill-Istat. Il-vantaġġi jistgħu jieħdu suriet differenti, u jistgħu jinkludu, pereżempju:

(a) garanziji Statali għas-self u t-telf;

(b) eżenzjoni mir-rekwiżit li jikkostitwixxu riżervi adegwati u r-rekwiżiti l-oħra li jirriżultaw mill-esklużjoni ta' operazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni f'isem l-Istat jew garantiti minnu mid-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]);

([12]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(c) ħelsien jew eżenzjoni minn taxxi li normalment għandhom jitħallsu (bħal taxxi tal-kumpanija u taxxi imposti fuq poloz tal-assigurazzjoni),

(d) għoti ta' għajnuna jew ta' kapital mill-Istat jew forom oħrajn ta' ffinanzjar li ma jkunux konformi mal-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq;

(e) għoti mill-Istat ta' servizzi in natura, bħal aċċess għall-infrastruttura tal-Istat u l-użu tagħha, faċilitajiet jew informazzjoni privileġġata, b'kundizzjonijiet li ma jirriflettux il-valur tagħhom fis-suq;

(f) riassigurazzjoni diretta mill-Istat jew garanzija ta' riassigurazzjoni diretta mill-Istat b'kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk disponibbli fis-suq tar-riassigurazzjoni privata, li jwasslu biex ikun hemm prezzijiet eċċessivament baxxi għall-polza tar-riassigurazzjoni jew biex tinħoloq artifiċjalment kapaċità li ma tkunx disponibbli fis-suq privat.

3.3. *Projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-kreditu għall-esportazzjoni*

14. Il-vantaġġi għal assigurаturi tal-Istat elenkati fil-punt 13 fir-rigward ta' riskji kummerċjabbli jaffettwaw il-kummerċ intra-Unjoni f'servizzi tal-assigurazzjoni tal-kreditu. Huma jwasslu biex ikun hemm varjazzjonijiet fil-kopertura ta' assigurazzjoni disponibbli fi Stati Membri differenti fir-rigward tar-riskji kummerċjabbli. Dan joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn l-assiguraturi fi Stati Membri differenti u għandu effetti sekondarji fuq il-kummerċ fl-Unjoni irrispettivament minn jekk jinvolvix esportazzjoni fl-Unjoni stess jew esportazzjoni barra l-Unjoni. ([13]). Għal dawk ir-raġunijiet, jekk l-assiguraturi tal-Istat ikollhom dawn il-vantaġġi meta mqabbla ma' assiguraturi tal-kreditu privati, jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jassiguraw riskji kummerċjabbli. Huwa meħtieġ li jiġu deċiżi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-assiguraturi tal-Istat jistgħu joperaw biex jiżguraw li ma jibbenefikawx mill-għajnuna tal-Istat.

15. Il-vantaġġi għall-assiguraturi tal-Istat xi drabi jistgħu wkoll jiġu mgħoddija fuq l-esportaturi, għall-anqas parzjalment. Tali vantaġġi jistgħu jkunu ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u l-kummerċ u jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Madankollu, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu fir-rigward ta' riskji kummerċjabbli, kif stipulat fit-Taqsima 4.3 ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-ebda vantaġġ żejjed ma jkun ingħata lill-esportaturi.

## 4. Il-kundizzjonijiet li jipprovdu assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal riskji temporanjament mhux kummerċjabbli

4.1. *Prinċipji ġenerali*

16. Kif mistqarr fil-punt 14, jekk l-assiguraturi tal-Istat għandhom xi vantaġġi meta mqabbla ma' assiguraturi tal-kreditu privati, kif deskritt fil-punt 13, ma jridux jiġu assigurati riskji kummerċjabbli. Jekk l-assiguraturi tal-Istat jew is-sussidjarji tagħhom jixtiequ jassiguraw riskji kummerċjabbli, għandu jkun assigurat li meta jagħmlu hekk, dawn ma jkunux direttament jew indirettament jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat. Għal dak il-għan, irid ikollhom ċertu ammont ta' fondi proprji (marġni ta' solvenza, inkluż fond ta' garanzija) u dispożizzjonijiet tekniċi (riserva ta' ekwalizzazzjoni) u għandhom ikunu kisbu l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont id-Direttiva 2009/138/KE. Iridu wkoll għall-inqas iżommu kont separat għall-amministrazzjoni u kontijiet separati għal assigurazzjoni tagħhom ta' riskji kummerċjabbli u riskji mhux kummerċjabbli bl-appoġġ ta' Stat jew f'ismu, li juru li huma ma jirċevux għajnuna mill-Istat għall-assigurazzjoni tagħhom ta' riskji kummerċjabbli. Il-kontijiet għal kummerċ assigurat f'isem l-assiguratur proprju jenħtieġ li jkunu konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE ([14]).

17. Stati Membri li jipprovdu kopertura ta' riassigurazzjoni lil assiguratur li jipprovdi assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu permezz ta' parteċipazzjoni jew involviment fi kuntratti ta' riassigurazzjoni fis-settur privat li jkopru kemm ir-riskji kummerċjabbli kif ukoll ir-riskji mhux kummerċjabbli għandhom ikunu f'pożizzjoni li jagħtu prova li l-arranġamenti ma jinvolvux l-għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-punt 13(f).

18. L-assiguraturi tal-Istat jistgħu jipprovdu assigurazzjoni għall-esportazzjonijiet bi kreditu fir-rigward ta' riskji li temporanjament ma jkunux kummerċjabbli, sakemm dan ikun suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4 ta' din il-Komunikazzjoni.

---

([13]) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-142/87 *ir-Renju tal-Belġju vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, il-Qorti qalet li mhux biss l-għajnuna għall-esportazzjoni fl-Unjoni nnifisha, iżda anki l-għajnuna għall-esportazzjoni barra mill-Unjoni tista' tinfluwenza l-kompetizzjoni u l-kummerċ fl-Unjoni. Iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet huma assigurati minn assiguraturi ta' esportazzjoni bi kreditu u għalhekk l-għajnuna fir-rigward tat-tnejn tista' jkollha effetti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ fl-Unjoni.

([14]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7).

4.2. *Eċċezzjonijiet għad-definizzjoni ta' riskji kummerċjabbli: riskji li temporanjament ma jkunux kummerċjabbli*

19. Minkejja d-definizzjoni ta' riskji kummerċjabbli, ċerti riskji kummerċjali jew politiċi li jġarrbu x-xerrejja stabbiliti fil-pajjiżi elenkati fl-Anness jitqiesu li temporanjament ma jkunux kummerċjabbli fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li temporanjament tneħħi pajjiż jew aktar pajjiżi mil-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli fl-Anness, kif deskritt fit-Taqsima 5.2, minħabba li l-kapaċità tas-suq privat tal-assigurazzjoni ma tkunx biżżejjed biex tkopri r-riskji kollha ekonomikament ġustifikabbli fil-pajjiż jew pajjiżi kkonċernati;

(b) fejn il-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet notifika minn Stat Membru kif imsemmi fit-Taqsima 5.3 ta' din il-Komunikazzjoni, tiddeċiedi li r-riskji mġarrba minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([15]), b'fatturat totali annwali mill-esportazzjoni li ma jaqbiżx EUR 2,5 miljun, ikunu temporanjament mhux kummerċjabbli għall-esportaturi fl-Istat Membru notifikanti;

(c) fejn il-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet notifika minn Stat Membru kif imsemmi fit-Taqsima 5.3 ta' din il-Komunikazzjoni, tiddeċiedi li kopertura ta' riskju wieħed tkopri perjodu ta' mill-inqas 181 jum u inqas minn sentejn hija temporanjament mhux kummerċjabbli għal esportaturi fl-Istat Membru li jinnotifika;

(d) fejn il-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet notifika minn Stat Membru kif imsemmi fit-Taqsima 5.4 ta' din il-Komunikazzjoni, tiddeċiedi li minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu, ċerti riskji huma temporanjament mhux kummerċjabbli għal esportaturi fl-Istat Membru li jinnotifika.

20. Sabiex jiġu minimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, ir-riskji kkunsidrati bħala temporanji mhux kummerċjabbli speċifikati fil-punt 19 jistgħu jkunu koperti minn assiguraturi tal-Istat, sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.3.

4.3. *Il-kundizzjonijiet biex tiġi pprovduta kopertura għal riskji temporanjament mhux kummerċjabbli*

4.3.1. Il-kwalità tal-kopertura

21. Il-kwalità tal-kopertura offruta minn assiguraturi tal-Istat għandha tkun konsistenti mal-istandards tas-suq. B'mod partikolari, jistgħu jkunu koperti biss ir-riskji ekonomikament ġustifikati, jiġifieri riskji li huma aċċettabbli fuq il-bażi ta' prinċipji ta' sottoskrizzjoni sodi. Il-perċentwal massimu ta' kopertura għandu jkun 95 % għal riskji kummerċjali u riskji politiċi u l-perjodu ta' stennija tal-klejms għandu jkun minimu ta' 90 jum.

4.3.2. Il-prinċipji ta' sottoskrizzjoni

22. Fil-valutazzjoni tar-riskji, dejjem għandhom jiġu applikati prinċipji sodi ta' sottoskrizzjoni. Għaldaqstant, ir-riskju ta' tranżazzjonijiet finanzjament mhux sodi ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kopertura permezz tal-iskemi appoġġati pubblikament. Fir-rigward ta' prinċipji bħal dawn, il-kriterji għall-aċċettazzjoni tar-riskji għandhom ikunu espliċiti. Jekk tkun diġà teżisti relazzjoni kummerċjali, l-esportaturi għandu jkollhom esperjenza pożittiva ta' skambju jew ħlas, jew tat-tnejn li huma. Jeħtieġ li x-xerrejja jkollhom rekord nadif tal-klejms, il-probabbiltà ta' inadempjenza tax-xerrejja għandha tkun aċċettabbli u l-gradazzjonijiet finanzjarji interni jew esterni tagħhom jeħtieġ ukoll li jkunu aċċettabbli.

4.3.3. Ipprezzar adegwat

23. It-teħid ta' riskju fil-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għandu jkun ikkumpensat permezz ta' primjum xieraq. Biex jiġi minimizzat l-effett li jinqalgħu barra assiguraturi tal-kreditu privati, il-medja ta' primjums taħt skemi appoġġati pubblikament għandha tkun ogħla mill-medja tal-primjums mitluba minn assiguraturi ta' kreditu privati għal riskji simili. Dan ir-rekwiżit jiżgura li l-interventi mill-Istat jitneħħew gradwalment, minħabba li l-primjum ogħla se jiżgura li l-esportaturi jerġgħu lura għall-assiguraturi privati malli l-kundizzjonijiet tas-suq jippermettulhom u r-riskju jsir kummerċjabbli mill-ġdid.

([15]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikroimpriżi, impriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

24. L-ipprezzar jitqies adegwat jekk jintalab il-ħlas tal-primjum minimu annwali ([16]) ("il-primjum fil-limitu tal-eżenzjoni") għall-kategorija rilevanti ta' riskju tax-xerrejja ([17]) kif stipulat fit-tabella li ġejja. Il-primjum fil-limitu ta' eżenzjoni japplika sakemm l-Istati Membri jipprovdu evidenza li dawk ir-rati mhumiex xierqa għal każ inkwistjoni. Għal politika sħiħa tal-bejgħ, il-kategorija tar-riskju għandha tikkorrispondi mal-medja tar-riskju tax-xerrejja koperti mill-polza.

| Kategorija tar-riskju | **Il-primjum annwali minimu tar-riskju** ([1]) (% tal-volum assigurat) |
|---|---|
| Eċċellenti ([2]) | 0,2–0,4 |
| Tajba ([3]) | 0,41–0,9 |
| Sodisfaċenti ([4]) | 0,91–2,3 |
| Dgħajfa ([5]) | 2,31–4,5 |

([1]) Il-limitu ta' eżenzjoni għal kuntratt tal-assigurazzjoni ta' 30 jum jista' jinkiseb billi l-firxa tkun diviża bi 12.
([2]) Il-kategorija ta' riskju eċċellenti tinkludi riskji ekwivalenti għal AAA, AA +, AA, AA-, A+, A, A- fil-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' Standard & Poor's.
([3]) Il-kategorija ta' riskju tajjeb tinkludi riskji ekwivalenti għal BBB+, BBB jew BBB– fil-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' Standard & Poor's.
([4]) Il-kategorija ta' riskju sodisfaċenti tinkludi riskji ekwivalenti għal BB+, BB jew BB– fil-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' Standard & Poor's.
([5]) Il-kategorija ta' riskju dgħajjef tinkludi riskji ekwivalenti għal B+, B jew B– fil-gradazzjoni tal-kreditu ta' Standard & Poor's.

25. Fir-rigward tal-koassigurazzjoni, is-sehem tal-kwota u l-kopertura supplementari, l-ipprezzar jitqies adegwat biss jekk il-primjum mitlub ikun mill-anqas 30 % ogħla mill-primjum għall-kopertura (oriġinali) provduta minn assiguratur ta' kreditu privat.

26. Għandha tiżdied miżata ta' amministrazzjoni mal-primjum tar-riskju, irrispettivament mit-tul ta' żmien tal-kuntratt, sabiex il-prezz jitqies xieraq.

### 4.3.4. Trasparenza u rappurtar

27. L-Istati Membri jridu jippubblikaw l-iskemi stabbiliti għar-riskji li jitqiesu temporanjament mhux kummerċjabbli skont il-punt 19 fuq is-it web tal-assiguraturi tal-Istat, fejn jispeċifikaw il-kundizzjonijiet kollha applikabbli.

28. Huma jridu jressqu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar riskji li jitqiesu temporanjament mhux kummerċjabbli skont il-punt 19 u li huma koperti mill-assiguraturi tal-Istat. Huma għandhom jagħmlu dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena wara l-intervent.

29. Ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja għal kull skema:

(a) l-ammont totali tal-limiti ta' kreditu mogħtija;

(b) il-fatturat assigurat;

(c) il-primjums mitluba;

(d) il-pretensjonijiet irreġistrati u mħallsa;

(e) l-ammonti rkuprati;

(f) il-kosti amministrattivi tal-iskema.

([16]) Għal kull kategorija tar-riskju rilevanti, il-firxa tal-primjum tar-riskju fil-limitu ta' eżenzjoni ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' Swap ta' Inadempjenza tal-Kreditu fuq sena (CDS), ibbażata fuq klassifikazzjoni komposta li tinkludi l-gradazzjoni tat-tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ewlenin (Standard & Poor, Moody's u Fitch), għall-aħħar ħames snin (2007–11), bis-suppożizzjoni li l-proporzjonijiet tat-telf medju għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir jkunu ta' 40 %. Sussegwentement il-firxiet ta' primjums saru kontinwi biex jilqgħu aħjar il-fatt li l-primjums tar-riskju ma jibqgħux kostanti maż-żmien.

([17]) Il-kategoriji ta' riskju tax-xerrejja huma bbażati fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu, il-klassifikazzjonijiet mhux bilfors li jinkisbu mingħand aġenziji ta' klassifikazzjoni speċifiċi. Is-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni jew is-sistemi ta' klassifikazzjoni użati mill-banek huma aċċettabbli wkoll. Fil-każ ta' ditti mingħajr klassifikazzjoni pubblika, tista' tiġi applikata klassifikazzjoni bbażata fuq informazzjoni verifikabbli.

30. L-informazzjoni għandha tingħata f'format ta' spreadsheet tad-data, li jippermetti li d-data tiġi mfittxa, estratta u ppubblikata faċilment fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-rapporti fuq is-siti web tal-assiguraturi tal-Istat.

## 5. **Regoli Proċedurali**

### 5.1. *Prinċipji ġenerali*

31. Ir-riskji speċifikati fil-punt 19(a) jistgħu jiġu koperti minn assiguraturi tal-Istat, billi jkunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.3. Il-Kummissjoni ma għandhiex għalfejn tiġi nnotifikata f'każijiet bħal dawn.

32. Ir-riskji speċifikati fil-punti 19(b), (c) u (d) jistgħu jiġu koperti minn assiguraturi tal-Istat, billi jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.3 u wara li jkunu ġew notifikati lill-Kummissjoni u approvati minnha.

33. In-nuqqas li tiġi ssodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima 4.3 ma jfissirx li l-assigurazzjoni jew l-iskema ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni tkun awtomatikament ipprojbita. Jekk Stat Membru jkun jixtieq imur lil hinn minn kwalunkwe kundizzjoni stabbilita fit-Taqsima 4.3 jew jekk ikun hemm xi dubju dwar jekk skema ppjanata ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati f'din il-Komunikazzjoni, partikolarment it-Taqsima 4, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw l-iskema lill-Kummissjoni.

34. L-analiżi skont ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat ma tiġġudikax minn qabel jekk miżura partikolari tkunx kompatibbli ma' dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat.

### 5.2. *Modifika tal-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli*

35. Meta tkun qed tiddetermina jekk in-nuqqas ta' kapaċità privata suffiċjenti jiġġustifikax it-tneħħija temporanja ta' pajjiż minn fuq lista ta' pajjiżi b'riskju kummerċjabbli, kif stabbilit fil-punt 19(a), il-Kummissjoni se tqis dawn il-fatturi, f'ordni ta' prijorità:

(a) in-nuqqas ta' kapaċità privata għall-assigurazzjoni ta' kreditu: b'mod partikolari, id-deċiżjoni ta' assiguratur ta' kreditu ewlieni biex ma jkoprix riskji marbuta ma' xerrejja fil-pajjiż ikkonċernat, tnaqqis sinifikanti fl-ammonti totali assigurati jew tnaqqis sinifikanti fil-proporzjon ta' aċċettazzjoni tal-pajjiż kkonċernat f'perjodu ta' sitt xhur;

(b) deterjorazzjoni fil-klassifikazzjoni sovrana tas-settur: b'mod partikolari, bidliet għal għarrieda fil-klassifikazzjonijiet ta' kreditu f'perjodu ta' sitt xhur, pereżempju minħabba diversi twaqqigħ mill-aġenziji indipendenti tal-klassifikazzjoni, jew żieda kbira fis-swap ta' inadempjenza ta' kreditu;

(c) deterjorazzjoni tal-prestazzjoni tas-settur korporattiv: b'mod partikolari, żieda qawwija ta' insolvenzi fil-pajjiż ikkonċernat għal perjodu ta' sitt xhur.

36. Meta l-kapaċità tas-suq ma tkunx biżżejjed biex tkopri r-riskji kollha ekonomikament ġustifikabbli, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli fl-Anness fuq talba bil-miktub ta' mill-inqas tliet Stati Membri jew fuq inizjattiva tagħha stess.

37. Jekk l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb timmodifika l-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli, hija tikkonsulta u tfittex li tikseb informazzjoni mingħand l-Istati Membri, assiguraturi privati u partijiet interessati. Il-konsultazzjoni u t-tip ta' informazzjoni mitluba titħabbar fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Il-perjodu ta' konsultazzjoni normalment mhux se jkun itwal minn 20 jum ta' xogħol. Fejn, abbażi tal-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni tiddeċiedi li timmodifika l-lista ta' pajjiżi b'riskju kummerċjabbli, hija tħabbar dik id-deċiżjoni fuq is-sit web tagħha.

38. Fi prinċipju, it-tneħħija temporanja ta' pajjiż mil-lista ta' pajjiżi ta' riskju kummerċjabbli tkun valida għal mhux inqas minn 12-il xahar. Poloz tal-assigurazzjoni relatati mal-pajjiż li jkun tneħħa temporanjament li jkunu ġew iffirmati matul dak il-perjodu jistgħu jkunu validi għal mhux iktar minn 180 jum wara d-data li fiha it-tneħħija temporanja ma tibqax valida. Polzi ġodda tal-assigurazzjoni ma jistgħux jiġu ffirmati wara dik id-data. Tliet xhur qabel tiskadi t-tneħħija temporanja, il-Kummissjoni tikkunsidra jekk ittawwalx il-perjodu ta' tneħħija tal-pajjiż kkonċernat minn fuq il-lista. Jekk, meta tqis il-fatturi stipulati fil-punt 35, il-Kummissjoni tiddetermina li għad m'hemmx biżżejjed kapaċità tas-suq biex tkopri r-riskji ekonomikament ġustifikabbli kollha, tista' testendi t-tneħħija temporanja tal-pajjiż mil-lista, skont il-punt 37.

5.3. *Obbligu ta' notifika għar-riskji temporanjament mhux kummerċjabbli msemmija fil-punti 19 (b) u (c)*

39. L-evidenza disponibbli bħalissa għall-Kummissjoni tissuġġerixxi li hemm nuqqas fis-suq fir-rirward tar-riskji speċifiċi fil-punt 19(b) u (c) u li dawk ir-riskji huma għalhekk mhux kummerċjabbli. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu, li mhux f'kull Stat Membru hemm nuqqas ta' kopertura u li s-sitwazzjoni tista' tinbidel maż-żmien, minħabba li s-settur privat jista' jinteressa ruħu f'dan is-settur tas-suq. L-intervent mill-Istat jenħtieġ li jkun permess biss fir-rigward ta' riskji li s-suq kieku ma jkoprix.

40. Għal dawk ir-raġunijiet, meta Stat Membru jkun jixtieq ikopri r-riskji speċifikati fil-punti 19(b) jew (c) ta' din il-Komunikazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat u fin-notifika tiegħu juri li kkuntattja lill-assiguraturi ta' kreditu u lis-sensara finanzjarji ewlenin f'dak l-Istat Membru ([18]) u li tahom l-opportunità li jipprovdu evidenza li l-koperta għar-riskji ikkonċernati hija disponibbli fil-pajjiż. Jekk l-assiguraturi jew is-sensara ta' kreditu kkonċernati u s-sensara ma jagħtux lill-Istat Membru jew lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' kopertura u l-kwantità diġà assigurati tat-tip ta' riskji li l-Istat Membru jrid ikopri fi żmien 30 jum minn meta jirċievu t-talba mingħand l-Istat Membru, jew jekk l-informazzjoni pprovduta ma turix li kopertura għar-riskji ikkonċernati hija disponibbli fil-pajjiż, il-Kummissjoni tqis ir-riskji temporanjament mhux kummerċjabbli.

5.4. *L-obbligu ta' notifika f'każijiet oħrajn*

41. Fir-rigward tar-riskji speċifikati fil-punt 19(d), jeħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat juri, fin-notifika tiegħu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, li f'dak l-Istat Membru partikolari m'hemmx disponibbli kopertura għall-esportaturi minħabba xokk fil-provvista fis-suq tal-assigurazzjoni privata, b'mod partikolari minħabba l-irtirar ta' assiguratur ta' kreditu prinċipali mill-Istat Membru kkonċernat, kapaċità mnaqqsa jew firxa limitata ta' prodotti meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn.

## 6. **Id-data tal-applikazzjoni u d-durata**

42. Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2022, ħlief għal-lista tal-pajjiżi fl-Anness li se tiġi applikata mill-1 ta' April 2022. Sal-31 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni se tqis ir-riskji kummerċjali u politiċi kollha assoċjati mal-pajjiżi kollha temporanjament mhux kummerċjabbli f'konformità mal-eżenzjoni temporanja speċifikata fil-punt 33 tal-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex tiġi appoġġata l-ekonomija fit-tifqigħa attwali tal-COVID-19 ([19]) u fil-punt 62 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 8442 dwar it-6 Emenda tal-Qafas Temporanju. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tadatta din il-Komunikazzjoni fi kwalunkwe ħin jekk ikun meħtieġ għal raġunijiet assoċjati mal-politika tal-kompetizzjoni jew biex tqis politiki oħra tal-Unjoni u impenji internazzjonali.

---

([18]) L-assiguraturi ta' kreditu u s-sensara finanzjarji kkuntattjati għandhom ikunu rappreżentattivi f'termini tal-prodotti offruti (pereżempju, fornituri speċjalizzati għal riskji waħdenin) u d-daqs tas-suq li jkopru (pereżempju, li flimkien jirrappreżentaw sehem minimu ta' 50 % tas-suq)..

([19]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it tifqigħa preżenti tal-COVID-19", C (2020) 1863 finali, 19.3.2020 (ĠU C 91, I, 20.3.2020, p. 1), kif emendata mill-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni C (2020) 2215 (ĠU C 112, I, 4.4.2020, p. 1), C (2020) 3156 (ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3), C (2020) 4509 (ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3), C (2020) 7127 (ĠU C 340, I, 13.10.2020, p. 1), C (2021) 564 (ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6) u C (2021) 8442 (ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1). Il-punti 24 sa 27 u 62 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 8442 dwar is-6 Emenda għall-Qafas Temporanju jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-eżenzjoni temporanja.

*ANNESS*

**Lista ta' Pajjiżi ta' Riskju Kummerċjabbli**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Belġju | Ċipru | Is-Slovakkja |
| Il-Bulgarija | Il-Latvja | Il-Finlandja |
| Iċ-Ċekja | Il-Litwanja | L-Iżvezja |
| Id-Danimarka | Il-Lussemburgu | L-Awstralja |
| Il-Ġermanja | L-Ungerija | Il-Kanada |
| L-Estonja | Malta | L-Iżlanda |
| L-Irlanda | In-Netherlands | Il-Ġappun |
| Il-Greċja | L-Awstrija | New Zealand |
| Spanja | Il-Polonja | In-Norveġja |
| Franza | Il-Portugall | L-Iżvizzera |
| Il-Kroazja | Ir-Rumanija | Ir-Renju Unit |
| L-Italja | Is-Slovenja | L-Istati Uniti tal-Amerka |